MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 672/2000/1

**Louis Micallef**

**vs**

**Kenneth Zammit, Mario Scicluna**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-17 ta’ Mejju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kkagunati minnhom lill-attur stante ncident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta’ Novembru 1999 fil-5:00p.m. f’*Industrial Zone Road*, Marsa meta l-konvenut Mario Scicluna bil-

vettura tieghu Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni EAN 702 li kienet qed tigi rmonkata mill-konvenut l-iehor Kenneth Zammit, baqa' diehel fil-vettura proprjeta' ta' l-attur Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni BAA 804, liema ncident sehh tort unikament tal-konvenuti minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ai fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux il-Lm500.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Zammit fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza li gara fit-30 ta' Novembru 1999 fil-Marsa ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort tal-attur li naqqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu billi saq meta id-dwal tat-*traffic light* kien "ahmar", u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Billi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-attur it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Scicluna fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-kollizzjoni tat-30 ta' Novembru,1999, meritu tal-kawza grat minghajr htija jew nuqqas tal-konvenut, izda biss minhabba t-tort u t-traskuragni tal-istess attur.

2. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjent mill-kumpanija assikurattrici tieghu, d-danni pretizi mill-attur huma ezagerati u ghalhekk l-eccipjent jirriserva d-dritt illi jikkontrolla d-danni hekk pretizi mill-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-30 ta’ Novembru 1999 fiz-zona ndustrijali tal-Marsa, f’xita qawwija tant illi ma kienx possibli li jsir *sketch*.

Id-dinamika ta’ l-incident hija s-segwenti:

L-attur kien niezel min naha ta’ Kordin fid-direzzjoni tat-*traffic lights* tal-Marsa *Industrial Estate*. Il-konvenut Mario Scicluna kien ukoll niezel fl-istess direzzjoni. Scicluna jidher li kien qieghed hemm qabel, peress illi l-karozza waqfitlu u kellu jcempel lil Kenneth Zammit sabiex jigi jirmunkah. Hekk sar, qaleb id-dawl u l-partijiet hargu. Filwaqt illi l-attur ried idur lejn il-lemin fid-direzzjoni ta’ l-istabbiliment tas-Super One, l-konvenuti riedu jitilghu dritt lejn Hal Luqa. Il-punt ta’ partenza mit-*traffic lights* pogga lill-attur fuq in-nahha tax-xellug u l-konvenuti fuq in-nahha tal-lemin, biex b’hekk kienu ser jinkrocjaw lil xulxin biex ikomplu fid-direzzjonijiet rispettivi taghhom. Kien proprju f’dak il-punt illi sar l-incident.

Gie allegat min naha tal-konvenuti illi minhabba l-kondizzjonijiet tat-temp, il-*windscreen* tal-karozza ta’ l-attur kien imtappan u b’hekk ma setghax jinduna bil-prezenza taghhom. Il-konvenuti jghidu illi kienu qeghdin isuqu bil-*“hazard lights”* u bl-*“indicators on”*. Peress illi kien hemm hafna traffiku, Mario Scicluna kien il-hin kollu jaghfas il-brake, izda hin minnhom inqata l-habel u kien proprju f’dak il-mument li gara l-incident.

Is-Surgent Michael Carter li nvestiga dan il-kaz minkejja illi ma ghamilx sketch, ipprezenta skizz li gie ppreparat dak il-hin stess fl-awla dokument MC 2 u ndika l-posizzjonijiet tal-karozzi proprju fil-ponta u cioe’ bejn it-triq li taghti ghas-Super One u dik illi taghti ghal Hal Luqa.

Ikkunsidrat:

Peress illi l-incident gara l-boghod mit-*traffic lights*, ma hawnx kwistjoni dwar min hareg f'liema kulur. Il-Qorti lesta tikkoncedi li t-*traffic lights* kienu hodor u allura z-zewg partijiet hargu kif kienu ntitolati jaghmlu. Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija safejn kienu negligenti jew traskurati l-konvenuti fl-operat taghhom biex jikkawzaw danni reklamati mill-attur. Il-karozza ta' Scicluna waqfet mas-*centre strip* fuq in-nahha tal-lemin u ovvjament dina ma setghetx tibqa' hemm, anke minnhabba l-kondizzjonijiet tat-triq u t-traffiku. Ghalhekk il-Qorti ma tara xejn hazin billi din il-karozza giet irmunkata minn Kenneth Zammit. Kien hemm sinjali cari u adekwati illi l-karozza ta' Scicluna kienet fi stat mhux tas-soltu bil-"*hazard lights"* mixghulin, liema "*hazard lights"* suppost kellhom jindikaw lill-utenti l-ohra tat-triq joqghodu aktar attenti hekk kif javvicinaw din il-karozza.

L-attur ighid illi huwa ma nduna xejn b'dan u f'daqqa wahda ra l-karozza ta' Scicluna gejja fuqu. Dana jista' jfisser li hemm nuqqas ta' *proper look out* da parti ta' l-attur, izda l-Qorti trid tindaga wkoll l-operat tal-konvenuti biex tara safejn dawn kienu negligenti jekk ikun il-kaz.

Mill-ezami tal-provi prodotti, l-Qorti ma tara xejn hazin fl-operat taghhom. Minnkejja li kienu f'sitwazzjoni skabruza, mhux normali, f'sitwazzjoni ambjentali ferm difficli, l-Qorti ftit li xejn tara illi l-konvenuti setghu jaghmlu xi haga differenti milli fil-fatt ghamlu. Ovvjament Scicluna ma setghax ihalli l-karozza tieghu fin-nofs, peress illi dina kienet ser tkun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq u ghalhekk il-Qorti tiggustifika lill-konvenut Scicluna illi jara kif jaghmel u jirmonka l-karozza minn nofs.

Jista' jaghti l-kaz li l-habel uzat ma kienx wiehed adekwat u l-metodu ta' rmonkar ma kienx wiehed professjonali, pero' mehud inkonsiderazzjoni l-kondizzjonijiet estremi ta' dik–in-nhar, il-Qorti trid tara l-urgenza illi kellu Scicluna sabiex iwarrab il-karozza minn nofs, liema urgenza kienet timmerita azzjoni mmedjata sabiex jigi evitat aktar gwaj. L-unika mizura li Scicluna setgha jiehu f'dawk ic-cirkostanzi hu li jixghel il-*"hazard lights"* sabiex l-utenti l-ohra tat-triq

ikunu jafu li hemm xi haga hazina b'dik il-vettura. Minnahha l-ohra, Kenneth Zammit xeghel l-*indicator* biex juri illi ser jibqa' tiela dritt lejn Hal Luqa. Veru illi l-uzu ta' l-*indicator* biss, mhuwiex bizzejjed, pero' tenut kont ic-cirkostanzi ta' dakinhar, Kenneth Zammit ma kienx f'posizzjoni jassigura li l-utenti l-ohra tat-triq kienu fehmu l-intenzjoni tieghu.

Minn naha l-ohra, l-attur messu addatta s-sewqan tieghu ghal kondizzjonijiet estremi illi kienu ezistenti dak il-hin. Kellu jzomm *a proper look out* aktar mis-soltu u jassigura illi t-triq quddiemu hija libera sabiex huwa jkun jista jkompli t-triq tieghu. Kien jaf illi ser jaqsam karreggjata jew tnejn li kienu mimlija karozzi u la ma ndunax bil-prezenza tal-karozza ta' Scicluna minkejja l-uzu tal-*"hazard lights"*, hu probabbli u li huwa minnu li l-attur kien imxekkel fil-*"forward vision"* tieghu minhabba *windscreen* imtappan.

Ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-attur lahaq dak il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza tieghu ladarba ma ppruvax illi l-konvenuti kienu b'xi mod negligenti fis-sewqan taghhom.

Kif qalet il-Prim Awla f'sentenza tas-17 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet *"<u>Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat</u>" f'materja ta' kollizzjonijiet fost affarijiet ohra l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku inkwistjoni kien gara b'tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attrici* (ara wkoll "*<u>Joseph Bartolo et vs George Zammit</u>"* Prim Awla deciza fit-30 ta' April 2001).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu."

L-attur jobbjetta kontra din is-sentenza u jsostni li din kienet bazata fuq apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u wkoll fuq applikazzjoni zbaljata tal-ligi ghal dawk il-provi. Huwa jissottometti li kienet skorretta d-deduzzjoni li saret mill-ewwel Qorti illi hu kien fi htija ghall-incident ghaliex

ma kienx zamm ‘a proper look out’. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti ma messhiex accettat il-versjoni tal-konvenuti in kwantu din hi eskluza mix-xhieda tas-surgent PS 238 Michael Carter li kkonduca l-investigazzjoni.

Qabel xejn il-fatti li taw lok ghall-kawza qed jigu hekk rijassunti:-

1. L-attur jghid li hu kien gej minn naha tar-roundabout ta’ Rahal Gdid u waqaf fit-tieni lane hdejn it-traffic lights ta’ hdejn is-Save-On Supermarket billi d-dwal kienu homor. Meta kien possibbli ghalih li jsuq hareg fid-direzzjoni ta’ fejn hemm is-Super One u waqt li qed idur fegget il-karozza li fiha kien hemm il-konvenut Mario Scicluna u li kienet qed tigi rmonkata mill-konvenut l-iehor. Huwa jghid li din il-karozza l-ohra giet mid-direzzjoni tal-Malta Shipbuilding u baqghet diehla fuq il-mudguard u fuq il-bieba ta’ quddiem. Jistqarr ukoll illi hu ma ndunax li l-karozza li dahlet fih kienet qed tigi rmonkata billi hu ma rahx il-habel. Huwa nduna b’dawn iz-zewg karozzi mad-daqqa.

2. Minn naha tieghu l-konvenut Kenneth Zammit (fol 44) jghid li hu kien qed jirmonka l-karozza ta’ Mario Scicluna li kienet waqfet mac-central strip quddiem is-Save-On. Huwa kellu l-intenzjoni li jiehu din il-karozza biex iqeghda mal-genb fi Triq Garibaldi sakemm tigi t-tow-car. Jghid li din il-karozza kellha l-hazard lights mixghulin u minn naha tieghu xeghel l-indicator. Jissokta jelabora illi kienu lahqu saqu xi tul ta’ ghoxrin karozzi qabel ma sehh l-incident. Ghalkemm jghid li l-attur kien gej mid-drezzjoni tal-Addolorata pero` huwa assuma dan u mhux ghax rah. Induna bih ghax sema’ l-hoss tal-habta. Kien mad-daqqa li nqata’ l-habel.

3. Il-konvenut l-iehor Mario Scicluna (fol 53) iddepona li dakinhar tal-incident kien gej mid-direzzjoni ta’ Rahal Gdid u waqaf fil-lane ta’ hdejn ic-centre stip biex jistenna d-dwal jinqalbu. Billi l-car ma startjatlux cempel id-dar ghall-assistenza u l-konvenut l-iehor, gharus ta’ bintu, gie biex jirmonkah. Meta kien permissibbli li jsuqu huma ghamlu dan billi saqu lejn ix-xellug. Fil-pront hu ra

karozza gejja minn fuq ix-xellug tieghu u dan dahal bejn il-habel u l-karozza tieghu. Huwa zamm il-brake u nqata` l-habel.

4. L-unika haga li l-kontendenti jaqblu dwarha hi li dakinhar kienet niezla xita qawwija u li dak il-hin kien hemm hafna traffiku.

5. Il-partijiet jaskrivu lil xulxin xi diskors li ntqal wara l-incident. Hekk l-attur jghid li Mario Scicluna qallu li kien inqataghlu l-habel u b'hekk dahal go fih. Da parte taghhom il-konvenuti jsostnu li l-attur qallhom li ma kienx rahom ghax kellu l-hgieg imtappan.

Issa apparti l-inferenzi li jistghu jingibdu mill-fatti nfushom konstatati wara l-habta jew mistqarra mill-kontendenti, l-provi ta' fatt huma dawk li jirrizultaw mill-atti. In vista tal-versjonijiet konfliggenti hi l-fehma ta' din il-Qorti illi f'kaz bhal dan jassumi mportanza dak rakkontat mis-surgent kemm fir-rapport tieghu kif ukoll fid-deposizzjoni viva voce. Dan qed jigi registrat ghaliex jidher evidenti illi l-ewwel Qorti eskludiet mill-konsiderazzjoni taghha x-xhieda tas-surgent jew ma tantx ghamlet assenjament fuqha. Invece din il-Qorti ezaminat bir-reqqa din ix-xhieda u tqisha element vitali li fuqha tista' toqghod biex tasal ghar-responsabilita` ta' dak li sehh.

Ghal dawk li huma l-aspetti l-aktar saljenti ta' din ix-xhieda, PS 238 Michael Carter (fol 67) jirrakkonta illi fil-versjoni lilu moghtija mill-konvenut Mario Scicluna, l-vettura tieghu waqfet qabel il-lights u ma regghetx startjat. Ghalhekk talab l-ghajnuna tal-"habib" tieghu biex jirmonkah. Essenzjalment ntqal lilu minn dan il-konvenut illi:-

i. peress li kienu fuq l-inner lane huma htiegilhom jaqbzu l-lanes kollha biex jigu fuq l-outer lane halli jaqbdu Triq Garibaldi;
ii. in vista tal-volum qawwi tat-traffiku hu kellu jaghfas il-brake biex jikkontrolla l-vettura;
iii. f'hin minnhom il-habel inqata' u l-karozza spiccat fuq il-karozza misjuqa mill-attur.

L-istess surgent jispjega wkoll il-versjoni li tah il-konvenut l-iehor Kenneth Zammit fejn dan qallu li kien l-attur li dahal fuq il-karozza li kienet qed tigi rmonkata u kien b'konsegwenza ta' dan li nqata' l-habel. Jirrizulta illi meta s-surgent irraffrontah bil-versjoni tal-konvenut Scicluna illi l-ewwel kien inqata' l-habel u mbaghad sar l-incident dan ma gharafx jirrispondi ghal din l-osservazzjoni.

Dan premess, apparti d-diskordenza tal-versjonijiet mil-liema direzzjoni kienu gejjin, il-Qorti tahseb li dak li gara kien dan. Accettat li s-sewwieqa kienu lkoll gejjin mid-direzzjoni ta' Rahal Gdid id-dinamika tal-incident fil-fehma ta' din il-Qorti hi attribwita ghall-fatt tal-manuvra da parti tal-konvenuti illi mill-posizzjoni li kienu fuq l-inner lane riedu jitraversaw il-lanes l-ohra ghax-xellug f'vizibilita` ridotta minhabba x-xita qawwija u f'din il-manuvra inonandaw il-lane minn fejn kien gej l-attur. Ma' dan hemm maghdud il-fatt tal-qtugh tal-habel li kien qed jirmonka l-car tal-konvenut Mario Scicluna liema qtugh ma kellu l-ebda konnessjoni mal-incident u ma kienx ir-rizultat ta' xi impatt mieghu mill-car misjuqa mill-attur. Ghal din il-Qorti t-traversament tal-lanes b'dak il-mod kienet manuvra irregolari u mprudenti billi kien jinkombi b'obbligu fuq il-konvenuti illi jassikuraw li l-lanes kienu liberi mit-traffiku.

Fuq ir-rizultanzi processwali ottenuti din il-Qorti ssib il-konkluzjoni tal-Qorti nferjuri ghal kollox sorprendenti, anke ghaliex dawn kellhom jiffavorixxu aktar it-tezi tal-attur milli dik tal-konvenuti. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tarax illi fic-cirkostanzi kellu jingibed xi argoment ta' vantagg favur il-konvenuti ghall-fatt li l-car wahda kellha l-indicator u l-ohra l-hazard lights. Dawn fl-opinjoni tal-Qorti ma kienux ghal daqshekk jikkoncedilhom xi dritt ta' immunita` minn kull imprudenza ohra. Kien obbligu tal-konvenuti li juzaw grad gholi ta' diligenza u vigilanza kemm qabel u waqt il-manuvra tat-traversament tal-lanes; multo magis, imbaghad meta tkun qed tingibed vettura minn ohra fl-'istream of traffic' billi r-riskju jkun akbar tenut qies tal-fatt li l-irbit ma jkunx sikur jew minhabba l-piz tal-vejikolu l-habel jistira ruhu u jinqata', kif hekk jidher f'dan il-kaz li ssuccieda.

F’kaz bhal dan jibqa’ dejjem validu l-monitu illi hu obbligu ta’ kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti (Ara **Vol XLVI pI p112**). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Fic-cirkostanzi l-Qorti jkollha tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti u invece ssib illi l-htija ghall-kollizjoni hi attribwibbli lill-konvenuti flimkien.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u b’hekk tilqa’ l-appell tal-attur fis-sens illi ghall-finijiet ta’ responsabilita` tiddikjara illi l-konvenuti flimkien kienu unikament u ugwalment fi htija ghall-kollizzjoni. Konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin lira tmienja u sittin centezmu (Lm420.68,0) ghall-hsarat subiti u tmienja u ghoxrin lira, hames u sebghin centezmu (Lm28.75,0) kiri ta’ vettura ghal hamest ijiem, b’kollox erba’ mija disa u erbghin lira, tlieta u erbghin centezmu (Lm449.43,0).

L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti f’ishma ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------